SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

24 ta' Marzu 2011*

Fil-Kawża T-386/06,

Pegler Ltd, stabbilita f'Doncaster (ir-Renju Unit), irrappreżentata minn R. Thompson, QC, u A. Collinson, solicitor,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Nijenhuis u V. Bottka, bħala aġenti, assistiti minn S. Kinsella u K. Daly, solicitors,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi), kif ukoll, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz tal-imsemmija deċiżjoni,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn E. Martins Ribeiro, President, N. Wahl (Relatur) u A. Dittrich, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Jannar 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

1 Permezz tad-Deċiżjoni C (2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi) (sunt fil-ĠU 2007, L 283, p. 63, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni

kkontestata"), il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ikkonstatat li diversi impriżi kienu kisru l-Artikolu 81(1) KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) billi pparteċipaw, matul perijodi differenti bejn il-31 ta' Diċembru 1988 u l-1 ta' April 2004, fi ksur uniku, kumpless u kontinwu tar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni fil-forma ta' grupp ta' ftehim antikompetittivi u ta' prattiki miftiehma fis-suq tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram, li kienu jkopru t-territorju taż-ŻEE. Il-ksur kien jikkonsisti fl-iffissar tal-prezzijiet, fi qbil dwar il-listi tal-prezzijiet, fi skontijiet u roħs u f'mekkaniżmi ta' applikazzjoni taż-żidiet fil-prezzijiet, fit-tqassim tas-swieq nazzjonali u tal-klijenti u fl-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali oħra kif ukoll f'parteċipazzjoni f'laqgħat regolari u fiż-żamma ta' kuntatti oħrajn intiżi li jiffaċilitaw il-ksur.

2 Ir-rikorrenti, Pegler Ltd, u l-kumpannija parent tagħha fiż-żmien meta seħħew il-fatti, Tomkins plc, huma fost id-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata.

3 Bejn is-17 ta' Ġunju 1986 u l-31 ta' Jannar 2004, ir-rikorrenti kienet is-sussidjarja 100 % ta' Tomkins. Fl-1 ta' Frar 2004, ir-rikorrenti nbiegħet lill-grupp tad-diretturi tagħha. Fis-26 ta' Awwissu 2005, Pegler Holdings Ltd u r-rikorrenti nbiegħu lil Aalberts Industries NV, destinatarja oħra tad-deċiżjoni kkontestata.

4 Fid-9 ta' Jannar 2001, Mueller Industries Inc., manufattriċi oħra ta' attrezzaturi tar-ram, informat lill-Kummissjoni bl-eżistenza ta' akkordju fis-settur tal-attrezzaturi u f'industriji oħra konnessi fis-suq tal-pajpijiet tar-ram u bir-rieda tagħha li tikkoopera abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 1996, C 207, p. 4), iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-1996" (premessa 114 tad-deċiżjoni kkontestata).

5 Fit-22 u t-23 ta' Marzu 2001, fil-kuntest ta' investigazzjoni fir-rigward tal-pajpijiet u tal-attrezzaturi tar-ram, il-Kummissjoni wettqet, skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3) spezzjonijiet għall-għarrieda fil-bini ta' diversi impriżi (premessa 119 tad-deċiżjoni kkontestata).

6 Wara dawn l-ewwel spezzjonijiet, f'April 2001 il-Kummissjoni qasmet l-investigazzjoni tagħha fuq il-pajpijiet tar-ram fi tliet proċeduri distinti, jiġifieri, il-proċedura dwar il-Każ COMP/E-1/38.069 (Pajpijiet tar-ram għall-plumbing), dik dwar il-Każ COMP/F-1/38.121 (Attrezzaturi) u dik dwar il-Każ COMP/E-1/38.240 (Pajpijiet industrijali) (premessa 120 tad-deċiżjoni kkontestata).

7 Fl-24 u fil-25 ta' April 2001, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet oħra għall-għarrieda fil-bini ta' Delta plc, il-kumpannija ewlenija ta' grupp ta' inġinerija internazzjonali li d-dipartiment "Inġinerija" tiegħu kien jiġbor fih diversi manifatturi ta' attrezzaturi. Dawn l-ispezzjonijiet kienu jikkonċernaw biss l-attrezzaturi (premessa 121 tad-deċiżjoni kkontestata).

8 Minn Frar u minn Marzu 2002, il-Kummissjoni bagħtet lill-partijiet ikkonċernati diversi talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17, sussegwentement skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) (premessa 122 tad-deċiżjoni kkontestata).

9 F'Settembru 2003, IMI plc ippreżentat talba sabiex tibbenefika mill-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-1996. Din it-talba kienet segwita minn dawk tal-grupp Delta (Marzu 2004) u ta' FRA.BO SpA (Lulju 2004). L-aħħar talba għal klemenza ġiet ippreżentata f'Mejju 2005 minn Advanced Fluid Connections plc (premessi 115 sa 118 tad-deċiżjoni kkontestata).

10 Fit-22 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-Każ COMP/F-1/38.121 (Attrezzaturi), bdiet proċedura ta' ksur u adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li ġiet b'mod partikolari nnotifikata lir-rikorrenti (premessi 123 u 124 tad-deċiżjoni kkontestata).

11 Fl-20 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

12 Fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li r-rikorrenti u Tomkins kienu kisru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE bejn il-31 ta' Diċembru 1988 u t-22 ta' Marzu 2001.

13 Għal dan il-ksur, fl-Artikolu 2(h) tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni imponiet fuq ir-rikorrenti, *in solidum* ma' Tomkins, multa ta' EUR 5.25 miljun.

14 Sabiex tiffissa l-ammont tal-multa imposta fuq kull impriża, il-Kummissjoni applikat, fid-deċiżjoni kkontestata, il-metodu ddefinit fil-Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65 (5) tat-Trattat KEFA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-"linji gwida tal-1998").

15 L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-iffissar tal-ammont inizjali tal-multa skont il-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni kkwalifikat il-ksur bħala gravi ħafna, kemm minħabba n-natura tiegħu kif ukoll minħabba l-portata ġeografika tiegħu (premessa 755 tad-deċiżjoni kkontestata).

16 Wara dan, peress li qieset li hemm differenzi kunsiderevoli bejn l-impriżi kkonċernati, il-Kummissjoni applikat trattament differenzjat, billi bbażat ruħha, għal dan il-għan, fuq l-importanza relattiva tagħhom fis-suq inkwistjoni ddeterminata skont l-ishma tas-suq tagħhom. Fuq din il-bażi, hija qasmet l-impriżi kkonċernati f'sitt kategoriji (premessa 758 tad-deċiżjoni kkontestata).

17 Ir-rikorrenti u l-kumpannija parent tagħha ġew ikklassifikati fis-sitt kategorija, li għaliha l-ammont inizjali tal-multa ġie ffissat għal EUR 2 miljuni (premessa 765 tad-deċiżjoni kkontestata).

18 Fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ totali ta' Tomkins, li kien ta' EUR 4 635 miljuni fl-2005, jiġifieri s-sena ta' qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni applikat koeffiċjent multiplikatur ta' 1.25 għal finijiet ta' dissważjoni, u dan wassal, fir-rigward tar-rikorrenti, għal ammont inizjali miżjud ta' EUR 2.5 miljuni (premessi 771 sa 773 tad-deċiżjoni kkontestata).

19 Minħabba t-tul tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur (tnax-il sena u xahrejn), il-Kummissjoni sussegwentement żiedet il-multa b'110 %, jiġifieri 5 % fis-sena għall-ewwel sentejn u 10 % għal kull sena sħiħa, b'effett mill-31 ta' Jannar 1991, għall-għaxar snin li jifdal (premessa 775 tad-deċiżjoni kkontestata), u dan wassal sabiex l-ammont finali tal-multa jiġi ffissat għal EUR 5.25 miljuni.

20 Il-Kummissjoni ma qisitx li kien hemm xi ċirkustanza aggravanti jew attenwanti kontra jew favur ir-rikorrenti.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

21 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Diċembru 2006, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

22 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.

23 It-trattazzjoni tal-partijiet u r-risposti tagħhom għad-domandi magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2010.

24 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(2)(h) u l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, tnaqqas l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż

25 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

26 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tressaq sitt motivi.

27 Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta l-fatt li r-responsabbiltà tal-ksur matul il-perijodu bejn il-31 ta' Diċembru 1988 u l-20 ta' Jannar 1989 tista' tiġi imputata lilha biss minħabba l-fatt li fl-20 ta' Jannar 1989 hija kisbet l-isem Pegler. Fil-fatt, qabel l-20 ta' Jannar 1989 hija kienet sussidjarja "inattiva" skont id-dritt tal-kumpanniji Ingliż. Fil-kuntest tat-tieni motiv tagħha, hija tikkontesta r-responsabbiltà tal-ksur imputata lilha għall-perijodu bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993. Matul dan il-perijodu hija baqgħet aġent "inattiv" ta' FHT Holding Ltd (iktar 'il quddiem "FHT"), entità oħra tal-grupp Tomkins, u ma kellha la assi u lanqas persunal. It-tielet motiv jirrigwarda l-fatt li l-Kummissjoni naqset milli ssemmi b'mod ċar id-destinatarju tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-kuntest tar-raba' motiv tagħha, ir-rikorrenti tinvoka diversi argumenti intiżi sabiex turi li l-fatt li r-responsabbiltà ta' ksur skont l-Artikolu 81 KE ġiet imputata *in solidum* lil kumpannija parent preċedenti u lil sussidjarja preċedenti huwa, bħala regola, illegali. Permezz tal-ħames motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-multa kellha tiġi imposta biss fuq il-kumpannija parent preċedenti tagħha. Fl-aħħar nett, is-sitt motiv jirrigwarda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali fil-kalkolu tal-ammont tal-multa.

28 Peress li t-tielet u l-ħames motivi jikkoinċidu ħafna, għaliex l-argumenti li fuqhom huma bbażati huma kważi identiċi, dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien. Barra minn hekk, ir-raba' motiv għandu jiġi eżaminat wara t-tielet u l-ħames motivi.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti u fuq żball ta' liġi fl-imputazzjoni fuq ir-rikorrenti tar-responsabbiltà tal-ksur għall-perijodu bejn il-31 ta' Diċembru 1988 u l-20 ta' Jannar 1989, għas-sempliċi raġuni li hija kienet akkwistat l-isem Pegler fl-20 ta' Jannar 1989

L-argumenti tal-partijiet

29 Preliminarjament, ir-rikorrenti ssostni illi, matul it-tul kollu tal-ksur msemmi fid-deċiżjoni kkontestata, "l-istorja tal-impriża Pegler"tiżviluppa fuq tliet perijodi differenti: il-perijodu qabel l-20 ta' Jannar 1989, il-perijodu bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993 u l-perijodu li beda fid-29 ta' Ottubru 1993.

30 B'mod iktar preċiż, ir-rikorrenti tagħmel sunt tal-fatti bil-mod segwenti:

— sal-20 ta' Jannar 1989, l-"impriża Pegler" kienet immexxija mill-entità tal-grupp Tomkins imsejħa FHT, li kienet tmexxiha permezz ta' aġent tagħha, entità oħra ġuridika tal-group Tomkins, li kellha l-isem ta' Pegler Ltd. Fl-20 ta' Jannar 1989, ir-rikorrenti, li dakinhar kien jisimha The Steel Nut & Joseph Hampton Ltd, u Pegler Ltd (iktar 'il quddiem "Old Pegler") skambjaw isimhom. Għalhekk, minn dik id-data, l-isem Pegler ingħata lir-rikorrenti, filwaqt li l-isem preċedenti tagħha ngħata lil Old Pegler. Din tal-aħħar, li baqgħet teżisti wara l-20 ta' Jannar 1989, minkejja li kienet "inattiva" skont id-dritt tal-kumpanniji Ingliż, ġiet finalment likwidata fid-29 ta' Mejju 2000;

— imbagħad, matul il-perijodu bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993, l-"impriża Pegler" baqgħet titmexxa minn FHT, li kienet tmexxiha permezz tar-rikorrenti, li kienet l-aġent mhux imħallas tagħha;

— fid-29 ta' Ottubru 1993, l-"impriża Pegler" ġiet ittrasferita lir-rikorrenti li, minn dik id-data, assumiet parti min-negozju u mill-assi ta' FHT relatati mal-viti tal-metall, valves u attrezzaturi sanitarji u assumiet ir-responsabbiltà tal-"impriża Pegler".

31 Ir-rikorrenti ssostni li l-impriża responsabbli għall-ksur qabel l-20 ta' Jannar 1989 setgħet tkun biss Tomkins, peress li hija kienet is-sid u kellha l-kontroll tal-kapital kollu ta' FHT.

32 Hija tallega li l-Kummissjoni ma kkunsidratx il-fatt illi, meta żewġ kumpanniji jiskambjaw isimhom, u meta, fl-istess data, waħda tibda tirrapreżenta lill-oħra, skont "prinċipji tad-dritt stabbiliti", hija l-persuna fiżika jew ġuridika li kienet tmexxi l-impriża fil-mument meta seħħ il-ksur li għandha tieħu r-responsabbiltà tal-imsemmi ksur, anki jekk, meta tittieħed id-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur, it-tmexxija tal-impriża kienet f'idejn persuna oħra.

33 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li qabel id-29 ta' Ottubru 1993 hija ma kinitx impriża inkwantu la kellha assi u lanqas persunal, b'tali mod li hija ma kellhiex il-karatteristiċi essenzjali tal-awtonomija ekonomika li huma rikjesti sabiex ikun hemm impriża fis-sens tal-Artikolu 81 KE.

34 Preliminarjament, il-Kummissjoni ssostni illi, matul id-deċiżjoni kkontestata kollha hija kkunsidrat l-attivitajiet ta' diversi kumpanniji appartenenti għall-grupp Tomkins, f'dan il-każ ir-rikorrenti, Old Pegler, FHT u Tomkins, bħala l-attivitajiet ta' entità ekonomika waħda matul il-perijodu ta' ksur.

35 Il-Kummissjoni targumenta li hija ma imputatx ir-responsabbiltà tal-ksur għall-perijodu bejn il-31 ta' Diċembru 1988 u l-20 ta' Jannar 1989 fuq ir-rikorrenti sempliċement minħabba l-fatt li din kienet akkwistat l-isem Pegler fl-20 ta' Jannar 1989.

36 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni targumenta li r-rikorrenti kienet assoċjata mal-"impriża Pegler" fuq livell funzjonali bejn il-31 ta' Diċembru 1988, data tal-bidu tal-ksur, u l-20 ta' Jannar 1989.

37 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li kien hemm "kontinwità personali u funzjonali". Insostenn ta' din id-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni ssemmi l-fatt li W. kien direttur ta' Old Pegler mill-15 ta' Ġunju 1980 sal-20 ta' Jannar 1989, f'liema data huwa ġie maħtur direttur tar-rikorrenti.

38 Barra minn hekk, huwa inkonċepibbli li r-rikorrenti tkun ħadet l-isem Pegler fl-20 ta' Jannar 1989, mingħajr ma kienet involuta f'xi attività tal-impriża matul l-20 jum qabel din id-data, jiġifieri mill-31 ta' Diċembru 1988, data tal-bidu tal-ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni. Skont il-Kummissjoni, huwa probabbli ħafna li din it-tranżizzjoni kienet teħtieġ li l-entità tar-rikorrenti tiġi allinjata u ppreparata sabiex tieħu l-isem tal-"impriża Pegler", b'hekk l-eżistenza ta' rabta funzjonali bejn il-personalità ġuridika tar-rikorrenti u l-ksur.

39 Barra minn hekk, ir-rikorrenti stess ammettiet li d-deċiżjoni li tiġi ttrasferita l-"impriża Pegler" "ittieħdet fil-livell tal-grupp Tomkins, mid-diretturi tal-grupp, li kienu wkoll id-diretturi tar-rikorrenti."

40 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni illi, anki jekk ir-rikorrenti ma kinitx involuta fil-ksur qabel l-20 ta' Jannar 1989, huwa evidenti li hija s-suċċessur tal-entità li pparteċipat direttament fil-ksur fl-assi l-iktar importanti tagħha, kif ukoll fit-tmexxija u fl-isem kummerċjali li taħtu l-attivitajiet illegali ġew implementati, u li hija, għalhekk, skont il-ġurisprudenza, "wirtet" ir-responsabbiltà legali tal-ksur.

41 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodu ta' 20 jum qabel l-20 ta' Jannar 1989 ma kellu l-ebda effett fuq il-kalkolu tal-ammont tal-multa.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

42 Mill-premessi 682 u 683 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 647 u 734 tal-imsemmija deċiżjoni, jirriżulta li r-rikorrenti nżammet responsabbli tal-ksur minħabba l-parteċipazzjoni diretta tagħha matul il-perijodu bejn il-31 ta' Diċembru 1988 u t-22 ta' Marzu 2001.

43 F'dan ir-rigward, madankollu hemm lok li jiġi rrilevat li mid-dokumenti prodotti mir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva kif ukoll fil-kuntest ta' dan ir-rikors jirriżulta li r-rikorrenti, matul il-perijodu bejn il-31 ta' Diċembru 1988 u l-20 ta' Jannar 1989, kienet kumpannija "inattiva" skont id-dritt tal-kumpanniji Ingliż.

44 Fil-fatt, ġie ppruvat li qabel l-20 ta' Jannar 1989, ir-rikorrenti ma kellha la assi u lanqas persunal.

45 Minkejja li r-rikorrenti tirrikonoxxi li hija adottat l-isem li taħtu l-attivitajiet illegali msemmija fid-deċiżjoni kkontestata ġew eżerċitati fis-suq u tammetti li hija saret aġent mhux imħallas ta' FHT wara l-20 ta' Jannar 1989, xorta jibqa' l-fatt li hija, qabel dik id-data, ma kellha la attività ekonomika u lanqas persunal, ħlief direttur tal-kumpannija kif mitlub mid-dritt tal-kumpanniji Ingliż.

46 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti, matul il-perijodu msemmi, kienet waħda mill-ħames sussidjarji ta' FHT, filwaqt li din tal-aħħar kienet, min-naħa tagħha, sussidjarja 100 % ta' Tomkins, li taħt l-isem ta' Pegler, kienet attiva, b'mod partikolari, fis-settur tal-attrezzaturi. Mill-annessi mal-proċess, jiġifieri l-kontijiet annwali ppreżentati lill-awtoritajiet tar-Renju Unit, li l-awtentiċità tagħhom ma ġietx ikkontesta mill-Kummissjoni, jirriżulta li matul l-imsemmi perijodu, ir-rikorrenti kienet kumpannija "inattiva" skont id-dritt tal-kumpanniji Ingliż, peress li ma eżerċitatx attivitajiet ekonomiċi u ma kellha ebda dħul mill-bejgħ.

47 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni jikkonċerna l-attivitajiet tal-impriżi (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 59), u li l-kunċett ta' impriża jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku ta' din l-entità u mill-mod li bih tiġi ffinanzjata (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 112; tal-10 ta' Jannar 2006, Cassa di Risparmio di Firenze *et*, C-222/04, Ġabra p. I-289, punt 107, u tal-11 ta' Lulju 2006, FENIN vs Il-Kummissjoni, C-205/03 P, Ġabra p. I-6295, punt 25).

48 Għandu jitfakkar ukoll illi, skont ġurisprudenza stabbilita, kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew servizzi f'suq partikolari tikkostitwixxi attività ekonomika (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, Pavlov *et*, C-180/98 sa C-184/98, Ġabra p. I-6451, punt 75, u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et*, C-309/99, Ġabra p. I-1577, punt 47).

49 Għaldaqstant, peress li r-rikorrenti, matul il-perijodu bejn il-31 ta' Diċembru 1988 u l-20 ta' Jannar 1989, kienet entità ġuridika li ma eżerċitatx attivitajiet ekonomiċi, fissens li ma kinitx toffri oġġetti jew servizzi fi kwalunkwe suq, bi ħlas, u li għalhekk ma kinitx assumiet riskji finanzjarji relatati mal-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li r-rikorrenti kienet ipparteċipat direttament fil-ksur qabel id-data li fiha hija bidlet l-isem (ara l-ġurisprudenza fil-punt preċedenti).

50 Il-fatt li r-rikorrenti kienet tifforma parti mill-grupp Tomkins matul dan il-perijodu ma jaffetwax din il-konstatazzjoni.

51 L-istess jingħad fir-rigward tal-fatt li W., direttur preċedenti ta' Old Pegler, fl-20 ta' Jannar 1989, inħatar direttur tar-rikorrenti, u rriżenja minn din il-kariga fis-26 ta' Mejju 1989.

52 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-argument tal-Kummissjoni li ċerti provi jindikaw li W. kien ipparteċipa personalment fl-akkordju matul u madwar dan il-perijodu għandu jiġi skartat. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirreferi għall-premessi 74 u 187 tad-deċiżjoni kkontestata. Il-premessa 74 tad-deċiżjoni kkontestata ssemmi biss li W. kien id-direttur ġenerali ta' Pegler fl-1989, filwaqt li l-premessa 187 ta' din id-deċiżjoni tirrigwarda kuntatt bejn rappreżentant ta' Delta u W. wara laqgħa tal-British Plumbing Fittings Manufacturers Association (BPFMA) fl-1989, laqgħa li saret wara l-perijodu msemmi f'din il-kawża.

53 Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrenti kienet eżerċitat "xi attività" matul l-20 jum qabel l-iskambju tal-ismijiet msemmi hawn fuq, ma tistax tiġi aċċettata. Huwa veru li bdil ta' isem kummerċjali jimplika formalitajiet legali u

kuntrattwali. Madankollu, l-implementazzjoni ta' dawn il-formalitajiet ma timplika la l-eżerċizzju ta' attività kummerċjali u, wisq inqas, ta' attività antikompetittiva.

54 Fl-aħħar nett, l-argument imressaq sussidjarjament mill-Kummissjoni, li fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti kienet is-suċċessur ekonomiku tal-"impriża Pegler" ma għandux jintlaqa'.

55 Huwa veru li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta l-attivitajiet koperti bi ksur ikunu ġew ittrasferiti minn entità ġuridika għal oħra fi ħdan l-istess grupp, is-suċċessur jista' jinżamm responsabbli għall-ksur, anki jekk l-ewwel entità ġuridika tibqa' teżisti legalment (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Diċembru 2007, ETI *et*, C-280/06, Ġabra p. I-10893, punt 48; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, T-43/02, Ġabra p. II-3435, punt 132; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, punt 47 supra, punt 358).

56 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma ndikatx la fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u lanqas fid-deċiżjoni kkontestata li hija kienet ikkunsidrat lir-rikorrenti responsabbli tal-ksur inkwantu kienet is-suċċessur tal-attivitajiet ekonomiċi tal-kumpannija parent FHT jew tal-kumpannija tagħha Old Pegler li għandha l-istess kumpannija parent bħar-rikorrenti.

57 Min-naħa l-oħra fil-premessa 718 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreżentat lir-rikorrenti bħala parteċipanta diretta li kellha kuntatti antikompetittivi mal-kompetituri tagħha mill-31 ta' Diċembru 1988.

58 Barra minn hekk, matul il-proċedura amministrattiva, ir-rikorrenti, bħala risposta għall-mistoqsijiet magħmula mill-Kummissjoni, tat indikazzjonijiet dwar il-grupp Tomkins u r-ristrutturazzjoni interna li kien suġġett għaliha fiż-żmien meta seħħew il-fatti. Hija indikat ukoll, fir-risposta tagħha tal-25 ta' Novembru 2005

għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li qabel l-1993 hija kienet kumpannija "inattiva" skont id-dritt tal-kumpanniji Ingliż, liema informazzjoni hija kkonfermat fis-seduta tas-27 ta' Frar 2006. Fl-aħħar nett, din id-dikjarazzjoni kienet sostnuta minn provi solidi bħall-kontijiet tar-rikorrenti u dawk ta' FHT, ippreżentati lill-awtorità kompetenti, li din, li ma kienet teżerċita l-ebda attività ekonomika, kienet kumpannija "inattiva" matul is-snin finanzjarji rilevanti.

59 F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni ma rrispondietx għal dan l-argument fid-deċiżjoni kkontestata. Kif ammettiet matul is-seduta, il-Kummissjoni kkunsidrat li r-rikorrenti, kienet sa mill-bidu, parteċipanti diretta fl-akkordju.

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li l-ewwel motiv huwa fondat.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti u fuq żball ta' liġi fl-imputazzjoni fuq ir-rikorrenti tar-responsabbiltà tal-ksur għall-perijodu bejn l-20 ta' Jananr 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993

L-argumenti tal-partijiet

61 Ir-rikorrenti ssostni illi, peress li bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993 hija ma kellhiex il-karatteristiċi essenzjali ta' impriża, hija ma setgħetx tinżamm responsabbli ta' ksur kommess f'isimha mill-kumpannija parent tagħha matul dan

il-perijodu. Fil-fehma tagħha, l-impriża li kellha tinżamm responsabbli għal dan il-perijodu kellha tkun, skont ir-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni, FHT u/jew Tomkins.

62 F'dan ir-rigward, hija tfakkar li hija bdiet "tipparteċipa" fl-"impriża Pegler" mill-20 ta' Jannar 1989, iżda biss inkwantu hija ħadet l-isem attwali tagħha u saret aġent moħbi u mhux imħallas ta' FHT, mingħajr assi u mingħajr persunal.

63 B'riferiment għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni (40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, Ġabra p. 1663, punti 475 sa 483), u tal-24 ta' Ottubru 1995, Volkswagen u VAG Leasing (C-266/93, Ġabra p. I-3477, punt 19), kif ukoll għal-Linji gwida fuq trażżin vertikali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1 p. 390), ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni jew ma fehmitx in-natura tar-relazzjoni ta' rappreżentanza li hija kellha ma' FHT, jew ikkommettiet żball billi daret mal-problema mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni kif xieraq il-provi li ġew ippreżentati lilha.

64 Skont ir-rikorrenti, minkejja li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tipprovdi kopja tal-kuntratt ta' rappreżentanza, il-Kummissjoni messha tat iktar importanza lid-dokumenti li hija kienet f'pożizzjoni li tipprovdi, bħal minuti tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' Old Pegler li juru li l-ftehim ta' rappreżentanza ma' FHT kien itterminat fid-20 ta' Jannar 1989, il-minuti tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi tar-rikorrenti li juru li l-ftehim ta' rappreżentanza ma' FHT kien itterminat fid-29 ta' Jannar 1993, il-kontijiet ta' FHT, li kienu juru li FHT kellha l-assi kollha f'idejha u li kienet responsabbli għad-dejn kollu tal-"impriża Pegler" sad-29 ta' Ottubru 1993 kif ukoll il-kontijiet tar-rikorrenti, li kienu juru li hija ma kienet ħadet l-ebda attiv u passiv tal-"impriża Pegler" qabel id-29 ta' Ottubru 1993 u li, f'ebda mument qabel din id-data, ma kellha attiv jew passiv sinjifikattiv, u lanqas kellha tranżazzjonijiet finanzjarji sinjifikattivi u,

fl-aħħar nett, l-att tas-16 ta' Frar 1995, li kienu juri b'mod konklużiv li t-trasferiment tal-"impriża Pegler" minn FHT għar-rikorrenti sar fid-29 ta' Ottubru 1993.

65 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti żżid li dawn l-argumenti huma wkoll validi fir-rigward tal-attivitajiet ta' Old Pegler bħala rappreżentanti ta' FHT matul il-perijodu qabel l-20 ta' Jannar 1989, b'tali mod li ma huwiex rilevanti li Old Pegler, li ġiet likwidata minn Tomkins fid-29 ta' Mejju 2000, ma kinitx għadha teżisti fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

66 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

67 Skont il-Kummissjoni, l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-fatt li hija kienet "inattiva" u fl-istess ħin "taġixxi bħala aġent" tal-kumpannija li kellha l-istess kumpannija parent ma humiex konvinċenti. Minkejja li ntalbet tagħmel dan, ir-rikorrenti ma pprovdiet l-ebda dokument rilevanti li b'xi mod kien prova ta' ftehim ta' rappreżentanza.

68 Id-dokumenti prodotti mir-rikorrenti kienu jirreferu b'mod ġenerali għar-relazzjoni ta' rappreżentanza mingħajr speċifikazzjoni dwar in-natura tal-arranġamenti u ma kinux juru n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha fil-ksur qabel id-29 ta' Ottubru 1993.

69 Il-Kummissjoni żżid illi, anki li kieku r-rikorrenti kienet ipprovat l-eżistenza ta' kuntratt ta' rappreżentanza, dan ma kienx iwaqqafha milli tindirizza d-deċiżjoni kkontestata lilha.

70 Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għar-risposta formali ta' Tomkins għat-talba għal informazzjoni li hija għamlitilha skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003. Din ir-risposta, li tikkontradixxi l-argumenti tar-rikorrenti, tindika illi, "bejn l-1987 u l-31 ta' Jannar 2004, Pegler Ltd kienet sussidjarja 100 % ta' Tomkins (preċedentement FH Tomkins plc)" u li "hija kienet titmexxa bħala impriża awtonoma li tieħu d-deċiżjonijiet hija stess dwar kwistjonijiet tekniċi, ta' produzzjoni, u ta' bejgħ/marketing".

71 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza, filwaqt li tirreferi għall-premessi 135, 145 u 187 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-membri l-oħra tal-akkordju fehmu li kienu f'kollużjoni mar-rikorrenti u li l-ebda tqassim (purament intern) ta' karigi bejn ir-rikorrenti, Old Pegler, FHT jew xi entità oħra fi ħdan il-grupp Tomkins ma kien ittieħed inkunsiderazzjoni.

72 Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni ssostni li huwa wkoll ċar li r-rikorrenti għandha responsabbiltà fil-ksur matul il-perijodu bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993, peress illi, kif hija diġà spjegat fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti kienet is-suċċessur ekonomiku tal-"impriża Pegler".

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

73 Għandu jiġi osservat illi, f'dak li jirrigwarda l-perijodu bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993, mid-dokumenti annessi mar-rikors, bħall-kontijiet ta' FHT kif ukoll tar-rikorrenti, li kienu ċċertifikati minn awditur estern u ppreżentati lill-awtoritajiet tar-Renju Unit, jirriżulta illi, matul is-snin finanzjarji tal-imsemmi perijodu kollu, ir-rikorrenti la kellha dħul u lanqas telf. Fil-kontijiet iddettaljati ta' FHT, huwa indikat b'mod sistematiku li r-rikorrenti ma għandhiex attivitajiet

ekonomiċi. Bl-istess mod, mill-kontijiet tar-rikorrenti jirriżulta li hija ma għamlet l-ebda tranżazzjoni finanzjarja matul l-imsemmi perijodu.

74 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat illi, skont id-dritt tal-kumpanniji Ingliż, l-espressjoni "inattiva" tapplika għal kumpannija illi, minn perspettiva legali, ma tagħmel ebda tranżazzjoni finanzjarja sinjifikattiva matul sena finanzjarja. In-nuqqas ta' entrata fuq il-kotba tal-kontijiet tal-kumpannija jikkorrispondi għal nuqqas ta' tranżazzjonijiet finanzjarji sinjifikattivi. Fil-fatt, l-uniku tranżazzjoni finanzjarja li hija permessa, mingħajr ma jintilef l-istatus ta' kumpannija "inattiva", hija dik relatata mal-ispejjeż marbuta mar-reġistrazzjoni tal-kumpannija u mal-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali lill-awtorità kompetenti, jiġifieri l-Companies House (Reġistru tal-kumpanniji). Bl-istess mod, meta jerġgħu jibdew l-attivitajiet kummerċjali jkun hemm it-telf ta' dan l-istatus. Peress li l-kundizzjonijiet kollha kienu sodisfatti skont id-dritt tal-kumpanniji Ingliż, ma hemmx dubju li r-rikorrenti kienet kumpannija "inattiva" u li, konsegwentement, ma kinitx attiva fuq is-suq.

75 Barra minn hekk, kif ammettiet ir-rikorrenti stess matul is-seduta, ma hemm l-ebda dubju illi, matul il-perijodu bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993, l-attivitajiet ġew eżerċitati taħt l-isem Pegler. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li mid-dokumenti msemmija fil-punt 73 hawn fuq jirriżulta li FHT u/jew Tomkins ikkummerċjalizzaw, permezz tal-impjegati ta' FHT, il-prodotti li jaqgħu fil-qasam tal-attrezzaturi taħt l-isem kummerċjali Pegler, kemm qabel kif ukoll wara, il-bdil tal-isem tar-rikorrenti. Għaldaqstant, għandu jiġi rrilevat li din il-konstatazzjoni ma tippermettix li jiġi konkluż li dawn kienu attivitajiet tar-rikorrenti.

76 Fir-rigward tal-minuti tal-laqgħat tad-diretturi (Executive Meetings), invokati mill-Kummissjoni sabiex ma taċċettax l-argument tar-rikorrenti li hija ma kinitx teżerċita

attivitajiet kummerċjali, għandu jiġi nnotat li l-imsemmija minuti juru, mal-ewwel daqqa ta' għajn, attività kummerċjali min-naħa tar-rikorrenti.

77 Madankollu, għandu jiġi rrilevat illi, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, il-fatt li xi minuti għandhom l-intestatura ta' Tomkins Plc u ta' Pegler Ltd fih innifsu huwa irrilevanti f'dan ir-rigward. Dan jindika biss li ġew eżerċitati attivitajiet ekonomiċi taħt l-isem kummerċjali Pegler, imma ma jimplikax li r-rikorrenti pparteċipat b'mod dirett f'dawn l-attivitajiet.

78 Bl-istess mod, il-fatt li d-diretturi tar-rikorrenti, li uħud minnhom kienu wkoll diretturi ta' FHT, ipparteċipaw fil-laqgħat hawn fuq imsemmija u li kienu involuti f'ċerti karigi anċillari marbuta mal-attivitajiet tal-entitajiet l-oħra fi ħdan il-grupp Tomkins, lanqas ma jfisser li r-rikorrenti pparteċipat b'mod dirett fl-akkordju matul il-perijodu msemmi, u dan iktar u iktar għaliex l-imsemmija diretturi ma kinux impjegati tar-rikorrenti.

79 Fl-aħħar nett, il-kontenut ta' dawn il-minuti ma jippermettix li jiġi konkluż li r-rikorrenti kienet effettivament l-entità li mexxiet l-attivitajiet marbuta mal-attrezzaturi. Barra minn hekk, għandu jiġi rrimarkat li l-ebda waħda mill-minuti msemmija mill-Kummissjoni ma kienet iffirmata. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li, fir-rigward tan-nuqqas ta' attività min-naħa tar-rikorrenti, dawn il-minuti għandhom jingħataw inqas importanza mill-kontijiet ta' FHT u tar-rikorrenti li ġew iċċertifikati minn awditur u li ġew ippreżentati, skont id-dritt Ingliż, lill-awtoritajiet kompetenti.

80 Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, li tirreferri għall-premessi 135 u 145 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-membri tal-akkordju kienu fehmu li huma kienu f'kollużjoni mar-rikorrenti, għandu jitfakkar li l-imsemmija premessa 135 tirreferi

għal dikjarazzjoni ta' Delta li fiha din tal-aħħar iddeskriviet il-mekkaniżmu tal-akkordju u li l-imsemmija premessa 145 tirreferi għal dikjarazzjoni ta' IMI li fiha din tal-aħħar indikat li Pegler kienet waħda mill-parteċipanti fl-akkordju pan-Ewropew. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, ma jirriżultax li kienet ir-rikorrenti li speċifikament issemmiet fl-imsemmija premessi. Barra minn hekk, filwaqt li ma hemm l-ebda dubju li FHT eżerċitat attivitajiet taħt l-isem kummerċjali Pegler, ma hemm xejn fil-premessi msemmija hawn fuq li jindika li awturi ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kienu jafu dwar l-istruttura interna tal-grupp Tomkins.

81 F'dak li jirrigwarda l-premessa 187 tad-deċiżjoni kkontestata, li tikkonċerna l-kuntatt bejn rappreżentant ta' Delta ma' W. wara laqgħa tal-BPFMA, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt li W. kien aċċetta s-suġġeriment magħmul minn dan ir-rappreżentant ta' Delta sabiex tintemm l-istrateġija aggressiva ta' Pegler ma huwiex biżżejjed sabiex ir-responsabbiltà tal-ksur tiġi imputata lir-rikorrenti. Bl-ebda mod ma ġie stabbilit li W. aġixxa bħala rappreżentant tar-rikorrenti, peress li huwa ma kienx impjegat tar-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti, ħaġa li l-Kummissjoni ma tikkontestax.

82 Barra minn hekk, anki jekk ir-rikorrenti ma setgħetx tipproduċi kopja tal-kuntratt ta' rappreżentanza, mid-dokumenti msemmija fil-punt 64 iktar 'il fuq jirriżulta li hija kienet l-aġent ta' FHT sad-29 ta' Ottubru 1993, data li fiha ħadet l-attiv u l-passiv tal-"impriża Pegler", bl-impjegati inklużi, f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet marbuta mal-attrezzaturi. Il-fatt li r-rikorrenti ma kinitx aġent bi ħlas jirriżulta mill-provi mesmmija fil-punt 73 iktar 'il fuq.

83 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li l-kunċett ta' "dormant companies acting as agents" (kumpanniji inattivi li jaġixxu bħala aġenti), kif imsemmi fil-paragrafu 51 tal-Anness 4 tal-Liġi Ingliża dwar il-kumpanniji tal-1985, bl-isem "Forma u kontenut tal-kotba tal-kontijiet", u fil-paragrafu 58 A tal-Anness 8 Liġi Ingliża dwar il-kumpanniji

tal-1985, bl-isem "Forma u kontenut tal-kotba tal-kontijiet ta' kumpanniji żgħar", huwa differenti mill-kunċetti ta' "mandatarju" u "aġent", kif imsemmija fid-dritt tal-kompetizzjoni Komunitarju.

84 Għandu jiġi kkonstatat li r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-kumpannija parent tagħha, jiġifieri l-aħħar kumpannija parent tagħha, hija differenti minn relazzjoni bejn mandatarju u aġent fis-sens tad-dritt tal-kompetizzjoni Komunitarju. Fil-fatt, fis-sens ta' dan id-dritt, il-kwalifika ta' aġent timplika attività ekonomika, li ma huwiex il-każ tar-rikorrenti. Għaldaqstant, ir-riferiment għall-ġurisprudenza, kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-Kummissjoni, f'dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn mandatarju u l-aġent tiegħu, ma huwiex rilevanti peress li din il-kawża tirrigwarda relazzjoni bejn grupp ta' kumpanniji.

85 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kklassifikat lir-rikorrenti bħala parteċipanta diretta. Mill-premessa 718 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni kkunsidrat li ma kienx hemm provi li juru li r-rikorrenti aġixxiet għan-nom ta' impriża oħra matul dawn il-kuntatti antikompetittivi matul il-perijodu ta' ksur.

86 Minn din il-premessa jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni ma interpretatx b'mod korrett ir-relazzjonijiet interni u t-tħaddim fi ħdan il-grupp Tomkins u għalhekk żammet bħala responsabbli għal ksur tal-Artikolu 81 KE entità ġuridika li ma kellhiex attività ekonomika u, għalhekk, hija stess ma kellha l-ebda involviment fl-akkordju.

87 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li, f'dak li jirrigwarda l-perijodu bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993, huwa żbaljat li l-Kummissjoni kkunsidrat li r-rikorrenti kienet responsabbli għall-aġir ta' ksur kommess minn entitajiet oħra fi ħdan il-grupp Tomkins.

88 Bl-istess mod, f'dak li jirrigwarda l-argument tal-Kummissjoni li r-rikorrenti assumiet ir-responsabbiltà tal-ksur qabel id-29 ta' Ottubru 1993 bħala suċċessur ekonomiku, huwa biżżejjed li jsir riferiment għall-punti 54 sa 59 hawn fuq.

89 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li dan il-motiv huwa fondat.

Fuq it-tielet u l-ħames motivi, ibbażati rispettivament fuq nuqqas ta' kjarezza u fuq żball dwar min ġie nominat bħala destinatarju tad-deċiżjoni kkontestata

L-argumenti tal-partijiet

90 Fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-rikorrenti tilmenta mal-Kummissjoni li ma semmietx b'mod ċar id-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata.

91 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li, billi kkundannat kemm lilha kif ukoll lil Tomkins għall-ħlas ta' multa totali ta' EUR 5.25 miljuni, minkejja li huma żewġ entitajiet ġuridiċi distinti, li ma għadhomx jagħmlu parti mill-istess impriża, il-Kummissjoni ma ddefinixxitx b'mod ċar il-grad ta' responsabbiltà imputata lil kull waħda minn dawn l-entitajiet. Skont ir-rikorrenti, l-imsemmija entitajiet ma għandhomx ikunu t-tnejn responsabbli u kkundannati għall-ammont totali tal-multa ta' EUR 5.25 miljuni, għaliex, f'tali każ, il-Kummissjoni "tirċievi d-doppju tas-somma

dovuta lilha". Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma ndikatx b'mod ċar l-entità li lilha kellha tiġi imputata r-responsabbiltà tal-ksur.

92 Barra minn hekk, il-fatt li r-responsabbiltà tiġi imputata lir-rikorrenti minħabba li hija kienet sussidjarja ta' Tomkins ma huwiex kompatibbli mal-analiżi li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata li Tomkins kienet l-impriża li lilha għandha tiġi imputata r-responsabbiltà tal-ksur, peress li hija kellha f'idejha u kienet tikkontrolla 100 % tal-kapital tal-"impriża Pegler" matul il-perijodu kollu tal-ksur. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, ma huwiex korrett li tiġi imputata lilha r-responsabbiltà tal-ksur matul il-perijodu meta sussidjarja differenti kienet inkarigata mit-tmexxija tal-impriża li għaliha l-ksur ġie kkonstatat (perijodu bejn it-30 ta' Diċembru 1988 u l-20 ta' Jannar 1989) jew matul liema hija kienet, fis-sens tad-dritt Ingliż, kumpannija "inattiva", li la kellha persunal u lanqas assi (perijodu bejn l-20 ta' Jannar 1989 u d-29 ta' Ottubru 1993).

93 Fil-kuntest tal-ħames motiv, ir-rikorrenti ssostni li Tomkins kellha tinżamm responsabbli għall-ksur. Insostenn ta' din l-affermazzjoni, ir-rikorrenti tirreferi għas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 1991, Enichem Anic vs Il-Kummissjoni (T-6/89, Ġabra p. II-1623), u tat-28 ta' Frar 2002, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (T-354/94, Ġabra p. II-843). Fil-fehma tagħha, minn dawn is-sentenzi jirriżulta li l-entità ġuridika li għandha tinżamm responsabbli hija, bħala regola, il-kumpannija parent tal-grupp. Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li huwa biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali li l-Kummissjoni hija intitolata timponi responsabbiltà għal ksur barra l-impriża inkwistjoni (sentenza Enichem Anic vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 237).

94 Ir-rikorrenti targumenta li, f'din il-kawża, l-impriża involuta fil-ksur kienet Tomkins. Matul il-perijodu tal-ksur, l-"impriża Pegler" kienet miżmuma minn entitajiet ġuridiċi differenti fi ħdan il-grupp Tomkins. Hija ssostni li Tomkins, bħala l-aħħar kumpannija parent, kienet tiddetermina l-entità ġuridika preċiża taħt il-kontroll ta' liema kienet tinsab l-impriża matul dak il-perijodu. Bl-istess mod, hija tqis li għandha

tiġi kkunsidrata bħala impriża distinta, responsabbli b'mod individwali ta' kull ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, biss mill-mument meta hija ma baqgħetx tifforma parti mill-grupp Tomkins, jiġifieri meta waqaf il-ksur.

95 Il-Kummissjoni titlob li dawn iż-żewġ motivi jiġi miċħuda.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

96 Fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kjarezza fin-nomina tad-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li dawn, fosthom ir-rikorrenti, huma msemmija b'mod ċar fl-Artikolu 4 tal-imsemmija deċiżjoni.

97 Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Kummissjoni, fil-premessa 682 tad-deċiżjoni kkontestata, semmiet lir-rikorrenti bħala entità ġuridika li pparteċipat b'mod dirett fil-ksur u żammitha responsabbli għal dan il-ksur minħabba dan, filwaqt li Tomkins inżammet responsabbli tal-aġir illegali tar-rikorrenti sempliċement minħabba l-kwalità tagħha ta' kumpannija parent (premessa 683 tad-deċiżjoni kkontestata).

98 Għaldaqstant, il-motiv li jallega nuqqas ta' kjarezza fin-nomina tad-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.

99 Bl-istess mod, fir-rigward tal-motiv dwar żball fin-nomina tad-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata, l-argument tar-rikorrenti li hija ma tistax tinżamm responsabbli tal-ksur minħabba l-fatt li hija ma kinitx għadha tifforma parti mill-grupp Tomkins, jew l-argument li hija biss Tomkins, bħala l-aħħar kumpannija parent u li tiġġestixxi l-impriża li kkomettiet il-ksur, li għandha tinżamm responsabbli, ma jistgħux jiġu aċċettati.

100 Il-fatt li l-"impriża" li eżerċitat l-attivitajiet illegali ġiet maqsuma wara li spiċċa l-ksur, b'tali mod li l-entitajiet ġuridiċi li kienu jifformaw din l-impriża ġew separati, ma jaffetwax ir-responsabbiltà *in solidum* tagħhom f'dak li jirrigwarda l-ksur kommess.

101 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-responsabbiltà *in solidum* tista' tiġi imputata lil impriżi anki jekk l-entitajiet ġuridiċi li kienu jifformaw l-impriża matul il-ksur ma għadhomx membri tal-istess grupp (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 2000, KNP BT vs Il-Kummissjoni, C-248/98 P, Ġabra p. I-9641, punt 71).

102 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għall-affermazzjoni tar-rikorrenti, is-separazzjoni, wara li ntemm il-ksur tal-Artikolu 81 KE, iżda qabel ma ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, taż-żewġ entitajiet ġuridiċi Pegler u Tomkins, li kienu jappartjenu lill-impriża responsabbli tal-ksur, ma tistax teskludi r-responsabbiltà tagħha.

103 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li timputa r-responsabbiltà ta' ksur lill-kumpannija parent, lis-sussidjarja jew lill-kumpannija parent *in solidum* mas-sussidjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2006, Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni, T-259/02 sa T-264/02 u T-271/02, Ġabra p. II-5169, punt 331,

u l-ġurisprudenza ċċitata). L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma tikkontestax din is-setgħa.

104 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma għandhiex tallega, filwaqt li tirreferi għas-sentenza Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni, punt 93 iktar 'il fuq, li Tomkins kienet l-unika persuna ġuridika li setgħet tinżamm responsabbli tal-ksur, għaliex l-impriża li kkommettiet il-ksur kienet immexxija minn din tal-aħħar.

105 Għaldaqstant, l-allegazzjoni li l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, ikkommettiet żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti u tad-dritt billi imputat ir-responsabbiltà tal-ksur imsemmi fid-deċiżjoni kkontestata lir-rikorrenti, meta din tal-aħħar ma għadhiex persuna ġuridika li tifforma parti mill-impriża responsabbli għall-ksur, hija infondata.

106 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li r-rikorrenti u Tomkins ma għandhomx jinżammu responsabbli t-tnejn tal-ksur, għaliex, f'dan il-każ, il-Kummissjoni "tirċievi d-doppju tas-somma dovuta lilha", huwa biżżejjed jekk jingħad li huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tat-tifsira tar-responsabbiltà konġunta u *in solidum* ta' żewġ impriżi, li jimplika li l-ħlas tal-ammont kollu tal-multa minn waħda minnhom jannulla l-obbligu ta' ħlas tal-imsemmija multa mill-parti l-oħra.

107 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet u l-ħames motivi għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur effettiv u potenzjali tal-prinċipju ta' trattament ugwali waqt l-implementazzjoni tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003, tal-linji gwida tal-1998 u tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-1996

L-argumenti tal-partijiet

108 Ir-rikorrenti ssostni li l-approċċ tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, li bih hija kkundannatha *in solidum* ma' Tomkins, minkejja li kienu żewġ impriżi distinti, għal multa kkalkolata skont ċirkustanzi li kienu jikkonċernaw biss waħda minnhom, jiġifieri Tomkins, jikkawżalha żvantaġġi meta mqabbla mal-grupp Tomkins, bi ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

109 Sabiex turi l-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali li jirriżulta mill-approċċ adottat mill-Kummissjoni, ir-rikorrenti tirreferi għall-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003, għal linji gwida tal-1998 inkwantu jirrigwardaw it-teħid inkunsiderazzjoni tat-tul tal-ksur, tad-dissważjoni u taċ-ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti u fl-aħħar nett, il-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-1996.

110 F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, ir-rikorrenti ssostni li, anki jekk il-limitu massimu tal-multa li setgħet tiġi imposta fuqha u fuq Tomkins ma kienx "fattur materjali" sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-multa imposta f'din il-kawża, l-approċċ tal-Kummissjoni, li ttrattaha flimkien mal-grupp Tomkins bħala impriża waħda għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multi, minkejja li ma kinitx għadha tagħmel parti minn dan il-grupp, jikkawżalha "żvantaġġi potenzjali".

111 F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003, ir-rikorrenti tfakkar li, skont l-istess artikolu, sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-multa, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, minbarra l-gravità tal-ksur, anki t-tul tiegħu. Jekk il-Kummissjoni kellha f'moħħha tikkonstata l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* fir-rigward tal-entitajiet ġuridiċi li ma kinux jagħmlu parti mill-istess impriża, hija kellha tistabilixxi differenza bejn il-parteċipazzjoni inizjali fil-ksur ta' FHT, minn naħa waħda, u s-segwitu, inqas gravi, ta' dan il-ksur mir-rikorrenti, min-naħa l-oħra.

112 Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tat-tul tal-ksur skont il-linji gwida tal-1998, ir-rikorrenti ssostni li l-uniku perijodu li fih jista' b'mod raġonevoli jingħad li hija kienet entità ekonomika kapaċi teżerċita azzjoni indipendenti bħala impriża huwa l-perijodu mid-29 ta' Ottubru 1993. Madankollu, matul dan il-perijodu, hija baqgħet suġġetta għall-kontroll effettiv u l-influwenza deċiżiva ta' Tomkins, b'tali mod li l-ksur kellu jiġi imputat lil Tomkins. Ir-rikorrenti tfakkar li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza u fil-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni li l-konstatazzjoni ta' din tal-aħħar għandha tkun limitata għall-perijodu li fih hija għandha provi tal-ksur. Skont ir-rikorrenti, jirriżulta li r-responsabbiltà *in solidum* ma setgħetx teċċeddi l-perijodu ta' madwar seba' snin u nofs, bejn id-29 ta' Ottubru 1993 u t-22 ta' Marzu 2001, u li ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni sabiex hija tiġi kkundannata għall-istess multa *in solidum* ma' Tomkins, meta t-tul tal-eventwali responsabbiltà tagħhom fil-ksur kien "materjalment differenti".

113 Fir-rigward tal-iffissar tal-ammont tal-multa f'livell disważiv biżżejjed, ir-rikorrenti tqis li huwa diffiċli taħseb f'każ li fih l-approċċ tal-Kummissjoni ma jiksirx dan l-aspett tal-linji gwida tal-1998, għaliex dan jitlob li l-ex sussidjarja u l-ex kumpannija parent ikunu f'sitwazzjoni "materjalment identika". F'din il-kawża, iż-żieda tal-multa applikata għal finijiet ta' disważjoni kienet ikkalkolata b'riferiment għad-daqs ta' impriża partikolari, jiġifieri Tomkins, u ma għandha l-ebda rabta mas-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja tar-rikorrenti. Bi tweġiba għall-argumenti mressqa mill-Kummissjoni fir-risposta tagħha, ir-rikorrenti targumenta li l-premessa 771 tad-deċiżjoni

kkontestata tirrigwarda biss id-daqs u s-saħħa ta' Tomkins, bl-ebda mod ma tirreferi għas-sitwazzjoni tagħha u ma fiha l-ebda ġustifikazzjoni taż-żieda għal finijiet ta' dissważjoni fir-rigward tal-pożizzjoni tagħha bħala ex sussidjarja ta' Tomkins.

114 Ir-rikorrenti turi diffikultà oħra marbuta mal-approċċ tal-Kummissjoni, jiġifieri li ċ-ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont tal-multa ħafna drabi huma differenti ħafna għal żewġ impriżi indipendenti bħal Tomkins u hija stess. Skont ir-rikorrenti, dawn iċ-ċirkustanzi ma humiex limitati għall-problemi li jirriżultaw mill-ksur stess, iżda jinkludu wkoll fatturi li jistgħu jvarjaw maż-żmien, inkluż matul il-perijodu wara li hija ma baqgħetx tifforma parti mill-grupp Tomkins, bħall-kooperazzjoni mal-Kummissjoni matul l-investigazzjoni, it-terminazzjoni tal-ksur jew aġir differenti li jista' jikkostitwixxi ċirkustanzi aggravanti.

115 Skont ir-rikorrenti, jeżistu "differenzi potenzjali" fiċ-ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti applikabbli għall-entitajiet inkwistjoni, differenzi li l-Kummissjoni ma tatx każhom. F'dan ir-rigward, anki jekk dan l-aspett ma huwiex ikkunsidrat bħala "fattur materjali", f'din il-kawża, f'dak li jirrigwarda l-livell tal-multa, ir-rikorrenti tirreferi għall-premessa 601 tad-deċiżjoni kkontestata li fiha l-Kummissjoni spjegat li l-manifatturi prinċipali ta' attrezzaturi, inkluża r-rikorrenti, kienu pparteċipaw fl-arranġemanti matul il-perijodu tal-ksur kollu b'mod kostanti, kontinwu u b'mod iktar attiv mill-parteċipanti l-oħra. Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, peress li hija, skont id-dritt tal-kumpanniji Ingliż, kienet kumpannija "inattiva" matul l-ewwel snin tal-eżistenza tal-akkordju, ir-rwol tagħha kien limitat sabiex issegwi l-ordnijiet li kienet tingħata. "Differenza potenzjali" oħra tirriżulta mill-fatt li kull benefiċċju finanzjarju li seta' jinkiseb mill-akkordju mar għand Tomkins u mhux għand ir-rikorrenti, fid-dawl tal-mod li bih il-grupp Tomkins kien iħaddem il-finanzi tiegħu.

116 Finalement, f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-1996, ir-rikorrenti ssostni li l-approċċ tal-Kummissjoni jqajjem ukoll "diffikultajiet potenzjali" serji fir-rigward tal-imsemmija komunikazzjoni, li tikkonċerna iktar is-sitwazzjoni tal-impriżi fil-mument tal-investigazzjoni milli dik fid-data tal-ksur.

117 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud. F'dan ir-rigward, hija tosserva li r-rikorrenti ma pprovat l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, la fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003, la f'dak tal-applikazzjoni tal-linji gwida tal-1998 u lanqas f'dak tal-applikazzjoni tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-1996.

118 F'dak li jirrigwarda b'mod partikolari iktar il-fattur ta' dissważjoni, il-Kummissjoni, filwaqt li tirreferi għall-premessi 766 u 771 tad-deċiżjoni kkontestata, issostni li hija ħadet inkunsiderazzjoni żewġ elementi sabiex tikkalkola ż-żieda tal-multa għal finijiet ta' dissważjoni, jiġifieri d-daqs tal-grupp Tomkins u t-tagħrif u l-infrastrutturi ġuridiko-ekonomiċi li faċilment jippermettu lill-impriżi ta' daqs kbir jirrikonoxxu li l-aġir tagħhom jikkostitwixxi ksur. Il-Kummissjoni tispjega li, fil-każ ta' Tomkins, il-fattur determinati sabiex tiġi deċiża ż-żieda għal finijiet ta' dissważjoni kien prinċiparjament l-ewwel element, b'mod partikolari d-dħul mill-bejgħ tagħha ta' EUR 4 635 miljuni. Min-naħa l-oħra, iż-żieda għal finijiet ta' dissważjoni applikata għar-rikorrenti kienet ibbażata fuq it-tagħrif u l-infrastrutturi ġuridiko-ekonomiċi tagħha, li kien ifisser li, fil-mument tal-ksur, id-daqs, l-istruttura, id-dħul mill-bejgħ u l-organizzazzjoni tal-grupp Tomkins ġew meħuda inkunsiderazzjoni. Il-koeffiċjent multiplikatur ta' 1.25 ikkalkolat huwa identiku għal dak applikat fil-konfront tal-kumpannija parent Tomkins, peress li l-element relatat mat-tagħrif u l-infrastrutturi ġuridiko-ekonomiċi jirrigwarda l-perijodu qabel il-bejgħ tar-rikorrenti lil grupp ieħor.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

119 Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti tikkritika l-approċċ tal-Kummissjoni dwar il-kalkolu tal-ammont tal-multa fil-każ fejn impriża ġiet maqsuma fil-perijodu bejn it-tmiem tal-ksur u l-adozzjoni tad-deċiżjoni li timponi multa.

120 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-limitu ta' 10 % skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, għandu jiġi kkonstatat li, kif ir-rikorrenti tammetti hija stess, dan il-limitu ma nqabiżx f'din il-kawża. Għaldaqstant, l-argument imressaq f'dan ir-rigward mir-rikorrenti huwa ineffettiv. Sussidjarjament, għandu jingħad li, f'każ li l-limitu massimu tal-multa li seta' jiġi impost individwalment fuq ir-rikorrenti ntlaħaq, hija kellha d-dritt li jiġi applikat il-limitu inkwistjoni (sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2005, Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, T-71/03, T-74/03, T-87/03 u T-91/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 390).

121 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti marbuta mat-teħid inkunsiderazzjoni tat-tul tal-ksur fil-kalkolu tal-ammont tal-multa, kemm fil-kuntest tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll fil-kuntest tal-linji gwida tal-1998, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma tressaq l-ebda argument konkret li jippermetti li jiġi konkluż li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Peress li r-rikorrenti targumenta li kwalunkwe responsabbiltà konġunta u *in solidum* ma setgħetx teċċeddi l-perijodu ta' madwar seba' snin u nofs bejn id-29 ta' Ottubru 1993 u t-22 ta' Marzu 2001 u li, konsegwentement, ma hemmx ġustifikazzjoni sabiex hija tiġi kkundannata konġuntament u *in solidum* ma' Tomkins għall-istess multa, minkejja li t-tul tal-parteċipazzjoni tagħhom, u għalhekk l-eventwali responsabbiltà fil-ksur, hija "materjalment differenti", huwa biżżejjed li jsir riferiment għall-evalwazzjoni tal-ewwel u tat-tieni motivi fil-kuntest ta' liema ġie kkonstatat li r-rikorrenti ma setgħetx tinżamm responsabbli tal-ksur għall-perijodu qabel id-29 ta' Ottubru 1993.

122 Fit-tielet lok, fir-rigward ta' lmenti oħra mressqa dwar ir-responsabbiltà *in solidum* tar-rikorrenti u ta' Tomkins, jiġifieri dawk marbuta mal-evalwazzjoni ta' ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti u dawk li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-1996 fil-każ fejn kumpannija parent u sussidjarja ma għadhomx jifformaw parti mill-istess impriża fis-sens tal-Artikolu 81 KE, għandu jiġi rrilevat li dawn iqajmu, f'din il-kawża, kwistjonijiet ta' natura ipotetika li ma humiex rilevanti. Fil-fatt, għandu jiġi nnotat li l-ebda ċirkustanza aggravanti jew attenwanti ma ttieħdet inkunsiderazzjoni fir-rigward tar-rikorrenti jew tal-kumpannija parent tagħha. Bl-istess mod, la r-rikorrenti u lanqas Tomkins ma talbu lill-Kummissjoni sabiex tapplika l-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-1996.

123 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti dwar l-iffissar tal-ammont tal-multa f'livell disważiv biżżejjed, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li l-linji gwida tal-1998 jipprevedu li, apparti n-natura proprja tal-ksur, l-impatt reali tiegħu fuq is-suq u d-daqs ġeografiku tas-suq, huwa meħtieġ li tiġi kkunsidrata l-kapaċità effettiva ekonomika tal-awturi tal-ksur biex joħolqu dannu sinjifikattiv lill-operaturi l-oħra, b'mod partikolari lill-konsumaturi, u li tiġi stabbilita l-multa f'livell li jiggarantixxi effett suffiċjentement disważiv (ir-raba' paragrafu tal-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998).

124 Jista' jiġi kkunsidrat ukoll il-fatt li impriżi kbar ġeneralment ikollhom tagħrif u infrastrutturi ġuridiko-ekonomiċi li faċilment jippermettulhom jirrikonoxxu li l-aġir tagħhom jikkostitwixxi ksur u li jkunu konxji tal-konsegwenzi ta' dan skont id-dritt tal-kompetizzjoni (il-ħames paragrafu tal-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998).

125 Fil-kuntest tal-ewwel element, ir-riżorsi finanzjarji tal-impriża għandhom jiġu evalwati fil-ġurnata li fiha l-multa tiġi imposta. Fir-rigward tat-tieni element id-dħul mill-bejgħ li abbażi tiegħu l-Kummissjoni tistabbilixxi d-daqs tal-impriżi inkwistjoni għandu jirreferi għas-sitwazzjoni tagħhom fil-mument tal-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ġunju 2008, Hoechst vs Il-Kummissjoni,

T-410/03, Ġabra p. II-881, punti 379 u 382). Minkejja li ż-żewġ elementi huma marbuta mill-qrib mad-daqs tal-impriża, huma żewġ motivi separati ta' żieda tal-ammont inizjali tal-multa.

126 F'din il-kawża, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni fakkret, bħala introduzzjoni, fil-premessa 766 tad-deċiżjoni kkontestata, is-setgħa tagħha li tapplika multiplikatur sabiex jaġġusta l-ammont inizjali sabiex jiggarantixxi effett disważiv suffiċjenti (fis-sens tar-raba' paragrafu tal-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998) u sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-impriżi ta' daqs kbir għandhom tagħrif u infrastrutturi ġuridiko-ekonomiċi li jippermettulhom jirrikonoxxu iktar faċilment li l-komportament tagħhom jikkostitwixxi ksur (fis-sens tal-ħames paragrafu tal-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998). Il-Kummissjoni indikat ukoll li kienet bi ħsiebha tieħu inkunsiderazzjoni dawn iż-żewġ elementi.

127 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar speċifiku l-entità ekonomika Tomkins-Pegler, għandu jitfakkar li, meta ffissat il-multa li kellha tiġi imposta fuq ir-rikorrenti, bħala awtur tal-ksur, u fuq Tomkins, bħala kumpannija parent miżmuma responsabbli għall-ksur mis-sussidjarja tagħha, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq is-sehem fis-suq tar-rikorrenti, peress li l-importanza relattiva tas-sehem tagħha fuq is-suq tal-attrezzaturi kienet il-kriterju rilevanti sabiex jiġi ffissat l-ammont inizjali tal-impriżi kkonċernati. B'hekk, ir-rikorrenti, u konsegwentement il-kumpannija parent tagħha, ġew ikklassifikati fis-sitt kategorija li għaliha ġie ffissat ammont inizjali ta' EUR 2 miljuni. Sussegwentement, il-Kummissjoni żiedet dan l-ammont inizjali għall-entità ekonomika inkwistjoni permezz tal-applikazzjoni ta' koeffiċjent multiplikatur ta' 1.25 għal finijiet ta' dissważjoni, stabbilit b'riferiment għad-dħul mill-bejgħ ta' Tomkins.

128 Fil-kontroreplika, il-Kummissjoni spjegat li hija kienet applikat, fil-każ ta' Tomkins, ir-raba' paragrafu tal-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998 u, fil-każ tar-rikorrenti, il-ħames paragrafu tal-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998 sabiex tiġġustifika ż-żieda fl-ammont inizjali tal-multa.

129 Ma jistax jiġi kkontestat li, fost dawn iż-żewġ elementi, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tagħżel dak li hija jidhrilha li huwa l-iktar importanti għall-evalwazzjoni tagħha.

130 Madankollu, l-ewwel nett, għandu jiġi osservat li mill-premessa 771 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat ruħha biss fuq id-dħul mill-bejgħ li Tomkins għamlet fl-2005, jiġifieri s-sena qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u qieset li dan id-dħul mill-bejgħ kien jiġġustifika żieda tal-ammont inizjali tal-multa għal finijiet ta' dissważjoni.

131 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma ssemmi xejn dwar il-fatt li hija kienet applikat il-kriterju ta' tagħrif u infrastrutturi ġuridiko-ekonomiċi f'dak li jirrigwarda lir-rikorrenti u lanqas tispeċifika d-daqs tal-impriża inkwistjoni fil-mument tal-ksur, kriterju rilevanti sabiex jiġġustifika ż-żieda bbażata fuq il-ħames paragrafu tal-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998. Barra minn hekk, hija ma setgħetx tagħmel dan fil-kawża inkwistjoni, peress li l-elementi msemmija rispettivament fir-raba' paragrafu tal-punt 1 A u fil-ħames paragrafu tal-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998, huma evalwati f'żewġ mumenti differenti, jiġifieri, rispettivament, fid-data li fiha l-multa hija imposta u fid-data tal-ksur.

132 Fi kwalunkwe każ, it-tieni nett, il-fatt li dawn iż-żewġ fatturi ġew separati u applikati b'mod separat għal żewġ kumpanniji li jifformaw parti mill-istess entità ekonomika, li waħda minnhom hija l-kumpannija parent tal-oħra u hija miżmuma responsabbli għall-ksur sempliċement minħabba din ir-raġuni, jikkostitwixxi kontradizzjoni mal-kunċett ta' impriża skont l-Artikolu 81 KE.

133 Huwa veru, il-Kummissjoni hija awtorizzata tieħu inkunsiderazzjoni, waqt il-kalkolu tal-ammont inizjali tal-multa, id-dħul mill-bejgħ tas-sena ta' qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkonstata l-imsemmi ksur (billi tapplika l-ewwel kriterju) jew dak fil-mument tal-ksur (billi tapplika t-tieni kriterju). Madankollu, il-Kummissjoni ma

tistax tibbaża ruħha fuq kriterju u tapplikah biss fil-konfront ta' waħda miż-żewġ entitajiet li qabel kienu jifformaw l-entità ekonomika li kkommettiet il-ksur. Meta kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha ma jibqgħux jifformaw parti minn entità ekonomika fis-sens tal-Artikolu 81 KE fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-multa ġiet imposta għall-ksur kommess, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq id-dħul mill-bejgħ tal-ex kumpannija parent tas-sena ta' qabel l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni sabiex tistabbilixxi l-fattur dissważiv applikabbli għal żewġ kumpanniji li fiż-żmien meta seħħew il-fatti kienet impriża waħda, iżda li fil-frattemp ġiet maqsuma. Fil-fatt, dan id-dħul mill-bejgħ ma jirriflettix il-kapaċità ekonomika effettiva tal-imsemmija impriża sabiex toħloq danni lill-operaturi l-oħra fil-mument tal-ksur.

134 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li dan il-motiv huwa parzjalment fondat, f'dak li jirrigwarda l-ilment li jikkonċerna l-fattur tad-dissważjoni.

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq żball ta' kalkolu u fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali fil-kalkolu tal-multa

L-argumenti tal-partijiet

135 Sussidjarjament, ir-rikorrenti ssostni, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni ma rrispettatx il-prinċipju ta' trattament ugwali meta kkalkolat il-multa (kemm jekk *in solidum* ma' Tomkins u kemm jekk le) u, fit-tieni lok, li l-Kummissjoni, fi kwalunkwe każ, ikkommettiet żball meta kkalkolat l-ammont tal-multa imposta fuqha (kemm jekk *in solidum* ma' Tomkins u kemm jekk le).

136 Ir-rikorrenti tqis, għar-raġunijiet diġà spjegati, li l-ammont xieraq tal-multa f'dak li jirrigwarda lilha, jekk tiġi kkunsidrata waħidha, huwa ammont inizjali ta' EUR 1 miljun, mingħajr żieda għal finijiet ta' dissważjoni u żieda ta' 70 % sabiex tirrifletti t-tul tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur, jiġifieri ammont totali ta' multa ta' EUR 1.7 miljun.

137 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata fiha żball fil-kalkolu tal-ammont tal-multa. Hija tispjega li, skont il-premessa 777 tad-deċiżjoni kkontestata, l-ammont tal-multa jitla' għal EUR 5.2 miljuni, wara l-applikazzjoni taż-żidiet għal finijiet dissważivi u minħabba t-tul tal-ksur, iżda li l-multa imposta hija ta' EUR 5.25 miljuni. Ma tingħata l-ebda raġuni għal din iż-żieda ta' EUR 50 000 fl-ammont tal-multa.

138 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

139 F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-allegat żball fil-kalkolu tal-ammont tal-multa, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni fil-premessa 777 tad-deċiżjoni kkontestata, naqset sa l-eqreb numru sħiħ l-ammont inizjali tal-multa. Il-premessa 877 u d-dispożittiv tal-imsemmija deċiżjoni jistabbilixxu b'mod ċar li l-ammont tal-multa imposta fuq Tomkins, *in solidum* mar-rikorrenti, huwa ta' EUR 5.25 miljuni.

140 Barra minn hekk, fil-premessa 765 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ndikat b'mod ċar ammont inizjali ta' EUR 2 miljuni u, fil-premessa 771 tal-imsemmija deċiżjoni, hija ffissat b'mod ċar il-koeffiċjent multiplikatur għal finijiet ta' dissważjoni fl-ammont ta' 1.25, li jwassal sabiex l-ammont inizjali għal EUR 2.5 miljuni. Fl-aħħar

nett, fil-premessa 775 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat b'mod espliċitu l-ammonti miżjuda ma' dan l-ammont bażiku sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni t-tul tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur, jiġifieri żieda ta' 5 % tal-ammont bażiku għal kull waħda mis-snin 1989 u 1990 (EUR 125 000) u ta' 10 % għal kull waħda mill-għaxar snin li jibqa' sal-2000 (EUR 250 000). Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti kienet f'pożizzjoni li tifhem kompletament, mingħajr spjegazzjoni addizzjonali u permezz ta' kalkolu sempliċi, ir-raġunijiet li kienu jiġġustifikaw l-iffissar tal-ammont tal-multa fil-livell indikat fil-premessa 877 u fl-Artikolu 2(h) tad-deċiżjoni kkontestata.

141 F'dak li jirrigwarda l-argument li l-ammont xieraq li kellu jiġi impost fuq ir-rikorrenti kellu jkun ta' EUR 1.7 miljun, huwa biżżejjed li jsir riferiment għall-punti li ġejjin. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li ma hemm l-ebda raġuni sabiex jitnaqqas l-ammont inizjali ta' EUR 2 miljuni. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li dan l-ammont ġie ffissat skont il-gravità tal-ksur u li hemm differenza kunsiderevoli bejn l-impriżi kkonċernati li tiġġustifika trattament differenzjat fl-iffissar tal-ammont inizjali tal-multi.

Fuq l-iffissar tal-ammont finali tal-multa

142 Kif jirriżulta mill-punti 46 sa 60, 73 sa 98 u 123 sa 134 iktar 'il fuq, id-deċiżjoni kkontestata għandha tinbidel inkwantu hija timponi żieda tal-multa ta' koeffiċjent ta' 1.25 għall-finijiet dissważivi u żieda ta' 110 % minħabba t-tul tal-parteċipazzjoni fil-ksur.

143 Barra minn hekk, il-kunsiderazzjonjiet tal-Kummissjoni spjegati fid-deċiżjoni kkontestata kif ukoll il-metodu tal-kalkolu tal-multi applikat f'din il-kawża ma jitolbux xi bidla oħra min-naħa tal-Qorti Ġenerali.

144 L-ammont finali tal-multa għalhekk huwa kkalkolat kif ġej: peress li t-tul tal-ksur, f'dak li jirrigwarda lir-rikorrenti, huwa ta' seba' snin u ħames xhur (minflok tnax-il sena u xahrejn kif stabbilit fid-deċiżjoni kkontestata), l-ammont inizjali (EUR 2 miljuni), mingħajr applikazzjoni ta' żieda għal finijiet ta' dissważjoni, għandu jiżdied b'70 % (minflok 110 %), li jwassal għal multa fl-ammont ta' EUR 3.4 miljuni.

Fuq l-ispejjeż

145 Skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet. Fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, għandu jiġi deċiż li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi), huwa annullat inkwantu jikkonstata li Pegler Ltd ipparteċipat fil-ksur matul il-perijodu mill-31 ta' Diċembru 1988 sad-29 ta' Ottubru 1993.**

2) L-ammont tal-multa imposta *in solidum* fuq Pegler fl-Artikolu 2(h) tad-Deċiżjoni C (2006) 4180 huwa ta' EUR 3.4 miljuni.

3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

4) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Martins Ribeiro Wahl Dittrich

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Marzu 2011.

Firem